

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12675/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0283 (NLE)**

**PROBA 33
AGRI 411
WTO 74
DEVGEN 144
FORETS 69**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 475 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 475 final.

Mehmuż: COM(2025) 475 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025
COM(2025) 475 final

2025/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-emendi tal-2022 għall-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw għandu l-għan li jsaħħaħ is-settur dinji tal-kawkaw u jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tiegħu fuq il-pjan ekonomiku, soċjali u ambjentali.

L-Unjoni Ewropea hija parti mill-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw¹ u Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw. Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw daħal fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta' Ottubru 2012, għal perijodu ta' għaxar snin, sat-30 ta' Settembru 2022. Waqt il-108 sessjoni regolari tiegħu, li saret mit-2 sas-6 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw, eżerċita s-setgħa mogħtija lill mill-Artikolu 62(4) tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw u ddeċieda li jestendi l-ftehim għal perijodu ta' sentejn tal-kawkaw sat-30 ta' Settembru 2026².

Rieżami parzjali għar-riforma tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw kien meħtieġ u kien ċar li huwa fl-interess tal-Unjoni li tkompli tallinjah mal-prattiki li tippromwovi l-Unjoni f'bordijiet internazzjonali oħra tal-prodotti bażiċi, u li jqis l-iżviluppi fis-suq globali tal-kawkaw mill-2010. Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, kif emendat fl-2022, huwa r-riżultat tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw u l-ħtieġa li jkun aktar orjentat lejn il-futur u adattat aħjar biex jilqa' l-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-ekonomija dinjija tal-kawkaw. Dan jinkludi xi bidliet importanti: 1. Tul ta' żmien indefinit tal-Ftehim (soġġett għal rieżami kull ħames snin), biex ikun hemm aktar stabbiltà u sostenibbiltà għall-inizjattivi implimentati skont il-Ftehim 2. Allinjament mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) biex jiżgura żvilupp aċċellerat tal-ekonomija dinjija tal-kawkaw 3. L-introduzzjoni ta' objettiv ewlieni fil-Ftehim fir-rigward tal-kisba ta' introjtu li jggarantixxi l-għajxien għall-bdiewa tal-kawkaw u referenza għall-prezzijiet remunerattivi biex tintlaħaq is-sostenibbiltà ekonomika 4. Tliet artikoli ġodda li jiddeskrivu miżuri speċifiċi li jridu jitwettqu taħt il-pilastri ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-sostenibbiltà 5. Spinta ġdida mogħtija lill-attenzjoni fuq iż-żieda fil-valur, il-kwalità primjum, u s-sikurezza tal-ikel 6. L-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tal-kawkaw u l-espansjoni tal-kooperazzjoni ma' aktar aġenziji donaturi għall-finanzjament ta' proġetti ta' żvilupp tal-kawkaw.

Il-Kummissjoni nneozjat l-emendi għall-Ftehim tal-2010 dwar il-Kawkaw f'isem l-Unjoni³.

Fid-dawl tad-diskussjonijiet u l-kontenut tal-istrument il-ġdid, il-Kummissjoni tqis li l-Ftehim emendat għandu jiġi konkluż f'isem l-Unjoni u li n-notifika tal-aċċettazzjoni tal-emenda, skont l-Artikolu 63(1) tal-Ftehim dwar il-Kawkaw tal-2010, tiġi ddepożitata mas-Segretarju

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7; 2012/189/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, ĠU 102, 12.4.2012, p.1.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/924 tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010 ĠU L 203, 9.6.2021, p. 8.

³ Ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, COM (2021) 119 final u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/675 tal-20 ta' April 2021 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ĠU L 144, 27.4.2021, p. 1.

Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li huwa maħtur bħala Depożitarju skont l-Artikolu 52 tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw.

Skont l-Artikolu 63(1) tal-Ftehim tal-2010 dwar il-kawkaw, l-emenda għandha ssir effettiva 100 jum wara li d-Depożitarju jkun irċieva notifikasi ta' aċċettazzjoni mill-Partijiet Kontraenti li jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-Membri esportaturi li jkollhom mill-inqas 85 % tal-voti tal-Membri esportaturi, u mill-Partijiet Kontraenti li jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-Membri importaturi li jkollhom mill-inqas 85 % tal-voti tal-Membri importaturi, jew f'data aktar tard li l-Kunsill seta' ddetermina.

Matul il-111-il sessjoni regolari li saret mit-8 sal-10 ta' April 2025, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw iddeċieda li jestendi l-iskadenza sat-22 ta' Ġunju 2026 biex il-Partijiet Kontraenti jiddepożitaw l-ittri ta' notifika tagħhom tal-aċċettazzjoni tal-emendi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet politiċi eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-emenda ġiet innegożjata f'konformità mad-direttivi komprensivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill fl-20 ta' April 2021 dwar ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għal deċizzjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw.

Il-Ftehim emendat huwa wkoll kompletament konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim emendat huwa kompletament konformi mal-Istrateġija tal-Global Gateway⁵. Tabilħaqq il-Global Gateway tfisser konnessjonijiet sostenibbli u ta' fiduċja li jaħdmu għan-nies u għall-pjaneta. Hija tgħin biex tindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, mill-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għat-titjib tas-sistemi tas-saħħa, u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista globali.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali proposta hija l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kawkaw emendat, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċizzjonijiet marbuta mal-konklużjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali f'isem l-UE.

⁴ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.

⁵ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/stronger-europe-world/global-gateway_mt

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw għal kull sena finanzjarja se titħallas mill-istrument NDICI-Ewropa Globali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux Applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija parti mill-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw² u Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw.
- (2) Il-Kummissjoni nneozjat l-emendi abbażi tal-mandat ta' negozjar u d-direttivi proposti mill-Kummissjoni³ u approvati mill-Kunsill fl-20 ta' April 2021⁴.
- (3) It-test tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, kif emendat ("il-Ftehim emendat") għe approvat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw fil-106 sessjoni regolari tiegħu li saret mis-27 sad-29 ta' Settembru 2022. L-emenda għet innegozjata sabiex timmodifika l-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ("il-Ftehim tal-2010"), li għe estiż sat-30 ta' Settembru 2026.
- (4) L-għanijiet tal-Ftehim emendat jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni.
- (5) L-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-kawkaw jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni Ewropea⁵.

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7; 2012/189/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, ĠU 102, 12.4.2012, p.1.

³ Ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, COM(2021) 119 final.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/675 tal-20 ta' April 2021 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010 (ĠU L 144, 27.4.2021, p. 1).

⁵ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, XXXXX.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]